*-dejn meta negozju jkun fi stat ta' falliment ma jaggravax*

*il-komunjoni tal-akkwisti*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 27 ta' Ġunju, 2019.**

**Rikors Nru. 12/19GM**

**Josephine Grima (ID 689950 M)**

**VS**

**Saviour sive Salvu Grima (ID 516850 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2019, li permezz tiegħu l-attriċi wara li esponiet illi:

1. Il-kontendenti ilhom 45 sena miżżewġin u tul dan iż-żmien kollu l-konvenut dejjem daħal għal diversi negozji differenti ad esklużjoni ta'

martu u assuma responsabbilitajiet mingħajr il-kunsens tagħha. Illi dan wassal għal inkwiet serju u eventwalment wassal ukoll għat-tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ tagħhom u issa l-partijiet jinsabu għaddejin minn proċedura ta' separazzjoni li waslet fl-aħħar stadju tagħha.

2. Minkejja li l-partijiet għadhom legalment miżżewġin huma ilhom seperati *de facto* għal snin twal u għadha teżisti bejniethom il-kommunjoni tal-akkwisti.
3. Fil-ġranet li għaddew l-attriċi saret taf mingħand xi nies li kien hemm subbasta fil-konfront tal-partijiet ossia r-rikors ta' Mandat ta' Qbid ta' Ħwejjeġ Immobli datat 18 ta' Settembru 2018 fl- ismijiet Xerri Animal Feed Co. Limited (C 20476) v. Saviour sive Salvu Grima u Josephine Grima u Frisky Poultry Farm Company Limited (C 16936) għal kull interess illi jista' jkollha, Subbasta Numru 33/2018.
4. Effettivament il-partijiet kienu ġew notifikati bir-rikors ta' Xerri Animal Co. Limited (C 20476) nhar il- 5 ta' Ottubru 2018; madanakollu bħal ma dejjem għamel, l-intimat żamm l-inkartament ossia l-Mandat ta' Qbid ta' Ħwejjeġ Immobli u minkejja li qal lil martu l-esponenti li dawn kienu dokumenti relatati mal-kawżi li hemm pendenti u li kien ser ikellem l-avukat tiegħu; huwa għażel li jinjora tali proċeduri.
5. L-esponenti fehmet il-konsegwenzi tas-subbasta meta tkellmet mal- avukat sottoskritt li qed tassistiha wkoll fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja u għalhekk qed issir din il-kawża.
6. Il-konvenut jiġġestixxi waħdu n-negozju operat mis-soċjetà Frisky Poultry Farm Company Limited u jiddeċiedi waħdu f'kull aspett relatat man-negozju ad esklużjoni ta' martu u ilu jagħmel hekk għal dawn l- aħħar 30 sena. Illi l-esponenti qatt ma kienet involuta fin-negozju u kull deċiżjoni u/ jew ftehim ma terzi persuni inkluż mas-soċjetà Xerri Animal Feed Co. Limited dejjem ittieħdet unikament u esklussivament mill- intimat Saviour sive Salvu Grima. Illi fil-fatt għall-kuntrarju ta' żewgħha, l-attriċi

m'għandiex sekwestri u l-kontijiet tal-bank tagħha huma attivi. Illi l-esponenti kienet dejjem fl-agħma u bdiet tintebaħ li n-negozju kien sejjer ħażin ħafna meta bdew jinħarġu numru ta' mandati ta' sekwestri fil-konfront ta' żewġha u f'okkażjoni partikolari anki anki fil- konfront ta' binthom li kienet tgħin lil missierha l-konvenut fir-razzett u n- negozju tat-trobbija tat-tiġieġ. Illi l-konvenut dejjem kien jgħid li n- negozju għaddej minn perjodu ħażin minnħabba ċirkostanzi li ma kienux fil-kontroll tiegħu u minħabba azzjonijiet ġudizzjarji li għamlulu terzi u li ma ħallewx ikompli jopera n-negozju.

7. L-intimat Saviour sive Salvu Grima waqqaf is-soċjetà Frisky Poultry Farm Company Limited sabiex iħaddem u jopera razzett tat- tiġieġ u kien jixtri l- ġwież mingħand is-soċjetà Xerri Animal Feed Company Limited. Illi għalhekk, meta nneggozja perosnalment mas-soċjetà Xerri Animal Co. Limited u mingħajr il-kunsens tal-attriċi, u mhux *tramite* l- kumpanija huwa kien qed jagħmel att ta' amministrazzjoni straorinarja u għalhekk kwalsiasi dejn gravanti huwa responsabbilità esklussiva tiegħu ai termini Artikolu 1324 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi in oltre ai termini tal-Artikolu 1327(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-beni illi jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti m'għandhomx ibatu tali djun li għamel il-konvenut fil-konfront tas-soċjetà Xerri Animal Feed Co. Limited. Illi tali att ta' amministrazzjoni straordinarja minnu nnifsu, l- istess aġir imur kontra l-prinċipju u l-obbligazzjoni assodat fil-liġi li l-miżżewġin għandhom jaġixxu fl-interess tal-familja u għandhom jamministraw il-komunjoni tal-akkwisti b'mod respnsabbli u dejjem fl- interess tal-familja.
8. Is-Subbasta Numru 33/2018 għadha bħala bażi tagħha s-sentenza mogħtija mill- Prim' Awla tal- Qorti Ċivili tat- 12 ta' Novembru 2003 fl-/ ismijiet Xerri Animal Feed Co. Limited v. Frisky Poultry Farm Co. Limited , Saviour magħruf ukoll bħala Salvu Grima u Josette Grima (Ċittazjoni nru 858/03NC) u sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal- Maġistrati fil- 5 ta'

Lulju 2017 fl-ismijiet Xerri Animal Feed Co. Limited v. Frisky Poultry Farm Co. Limited, Saviour sive Salvu Grima u Josephine sive Josette Grima mart l-istess Saviour sive Salvu Grima (Avviż nru 72/19 CSH). Illi f' dawn il-proċeduri, l- esponenti ma kinietx xehdet personalment stante li l-mertu kien kollu relatat man-negozju li żewġha kien jamministra waħdu u mingħajr il-konoxxenza tagħha. Illi in oltre, wara deċiżjoni kien jgħidilha li d-dejn tħallas u li m'għandiex għalxiex tinkwieta.

9. Flimkien ma dan ir-rikors, l-esponenti intavolat rikors fl-atti tas-subbasta numru 33/2018 fl-ismijiet Xerri Animal Feed Co. Limited (C 20476) v. Saviour sive Salvu Grima u Josephine Grima u Frisky Poultry Farm Co. Limited (C16936) għal kull interess illi jista' jkollha sabiex tirrevoka l-mandat tal-qbid tal-ħwejjeġ immobli *ai termini* tal-Artiklu 281 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta u fin-nuqqas tissospendi s-subbasta *ai termini* tal- Artiklu 326 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta sakemm ir-rikors odjern jiġi ddekretat.
10. Ma jistax ikun illi l-esponenti tagħmel tajjeb għad-dejn li ġarrab il-konvenut unikament u dana wara li aġixxa bil-mod kif aġixxa ossija li għamel negozju u daħal f' dejn ma' Xerri Animal Feed Co. Limited minn wara dahar martu.
11. In vista tas-suespost, u ċioe` l-fatt illi l-konvenut daħal f' dejn sostanzjali u unikament u mingħajr il-konoxxenza ta' martu bi ksur tal- Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, id- dejn li għandu l-konvenut mas-soċjetà Xerri Animal Feed Co. Limited għandu jolqot biss in-nofs indiviż tal-kommunjoni tal-akkwisti li japppartjenu lilu u mhux il-proprjetà kollha tal-partijiet.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għad-dejn li għamel ma' Xerri Animal Feed Co. Limited ad esklużjoni tal-esponenti.
ii. Tordna l-aġir tal-intimat li daħal f'dejn unikament mas-soċjetà Xerri Animal Feed Co. Limited seħħ bi ksur tal-provvediment tal-Kap 16 tal-

liġijiet ta' Malta u qatt ma seta' jidħol fl-ambitu tal-artikolu 1324 u l-artkoli 1327 tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta.

iii. Tordna illi l-istess dejn jiġi saldat bil-propjetà parafernali tal- intimat Saviour Grima qatt fuq in-nofs indiviż tal-komunjoni tal-akkwisti li jappartjenu lill-esponenti inkluż naturalment in-nofs indiviż tad-dar matrimonjali.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li l-konvenut baqa' kontumaċi (fol 9) u lanqas wieġeb permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet meta mitlub jagħmel dan (fol 10);

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li l-konvenut ilu nieqes mid-dar konjugali għal madwar għoxrin sena u jiġġestixxi negozju *tramite* kumpannija Frisky Poultry Farm Company Limited (C16936). In-negozju marlu ħażin u spiċċa fi stat fallimentari. Biex jipprova jsalva n-negozju tiegħu daħal fi ftehim personalment ma' Xerri Animal Feed Company Limited li permezz tiegħu xtara bid-dejn għadd t'oġġetti konnessi man-negozju tiegħu mingħajr ma kienet taf martu. Naqas li jħallas anke dan id-dejn u l-kumpannija venditriċi fetħet u rebħet żewġ kawża kontra l-kumpannija tal-konvenut u kontra l-konvenut u martu. Martu ma kinitx taf x'kien qiegħed jagħmel żewġha u wisq inqas tat il-kunsens tagħha għal dan id-dejn;

Ikkunsidrat:

Illi l-liġi (Art1324 Kodiċi Ċivili) ma tgħidx x'inhu "att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ", għalkemm minn dan il-provvediment hu evidenti li ċertu atti ta' amministrazzjoni straordinarja jistgħu jikkwalifikaw bħala tali. L-artikolu "ma

japplikax għal kull att tal-kummerċ kif definit mill-Kodici tal-Kummerċ iżda kien japplika biss fil-każ ta' persuna li tkun qed teżerċita kummerċ, negozju jew professjoni bħala attivita' ekonomika u li fiha l-kuntrattazzjoni taħt eżami setgħet tinkwadra ruħha bħala att normali tal-ġestjoni tagħha." **(Patiniott et vs Cini** et deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001).

Illi fis-sentenza li tat fit-2 ta' Ottubru 2002 fil-kawża **Angele Calleja vs Claude Calleja et** din il-Qorti diversament ippreseduta (AJM) għamlet analiżi tal-Art 1324 u qalet hekk :- "Dan l-artikolu jikkrea eċċezzjoni għar-regola ġenerali[1] li tinsab enunċjata fl-artikolu 1322 tal-Kap 16 fuq riportat. Dan l-artikolu iżda mhux intiż biex jagħti *mano libera* lil dik il-parti li tkun qed tiġġestixxi negozju, kummerċ jew professjoni biex, mingħajr xkiel, taddebita lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti b'dejn li altrimenti jkun suġġett għall-azzjoni ta' annullament. Dan l-artikolu, fil-fehma tal-Qorti, huwa intiż sabiex jiffaċilita l-atti ta' kuljum ta' negozjant, jew profesjonista li ma jistax jippretendi li, f`kull att ta' kummerċ jew negozju, jew fl-eżercizzju tal-professjoni ta' dak li jkun, jkollu l-ħtieġa tal-preżenza tal-konsorti.

"Għalhekk din l-eccezzjoni għar-regola għandha tiftiehem b'mod restrittiv billi fl-ewwel lok dak l-'at` għandu jkun marbut ma` dak in- negozju, kummerċ jew professjoni eżerċitat regolarment minn dak li jkun, u fit-tieni lok din l-eċċezzjoni hija intiża sabiex tagħti l-fakolta` lin-negozjant jew professjonista li jagixxi de proprjio mingħajr l-htiega tal-konsorti, kif rikjest fis-subinċiż (2) ta' l-Artikolu 1322.

"F`dan is-sens hija s-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Jannar 1999 fil-kawża fl-ismijiet **David Bonett vs Carmelo Borg u Mary Grace (Borg),** konfermata fl-appell b'sentenza tas-6 ta' Ottubru 1999. L-istess artikolu juża' l-kliem "l-atti .... jkunu vestiti biss f`dik il-parti ...." Dan juri li l-iskop ta' dan l-artikolu hu biex

[1] Enfasi ta' din il-Qorti

titwarrab l-ħtieġa tal-preżenza tal-konsorti u mhux biex jxejjen dak li jingħad fl-artikolu 1322 u l-artikoli sussegwenti[2]";

Illi din il-Qorti, kif denjament ippreseduta mill-Onor. Imħallef Anthony Ellul, tajjeb ikkummentat li "Għalkemm jista' jkun li n-negozjant ma jkunx qiegħed jiggestixxi n-negozju b'ħila, per eżempju jagħmel għażliet ħżiena… jew li jiddejjen iktar milli jiflaħ in-negozju meta tqies id-dħul, b'daqshekk ma jfissirx li l-akkwist ta' vetturi bid-dejn ma jibqax att normali ta' ġestjoni tan-negozju. Għalhekk jekk att jikkwalifikax bħala tali ma jiddependix mill-mod kif ikun qiegħed jitmexxa n-negozju iżda mill-att innifsu"[3];

Illi fil-każ preżenti, iżda, ma kienx każ ta' għażla ħażina fil-kors normali ta' negozju, jew inkella ta' operazzjoni kummerċjali li marret żmerċ (affarijiet li jiġru ta' kuljum fil-kors normali ta' kull negozju). Iktar jgħodd għal din il-kawża, *mutatis mutandis,* dak li qalet din il-Qorti, kif ippreseduta mill-Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima in re: **Linda Jane Bannell vs Carmel Camilleri** (26.02.2018): "Il-Qorti tagħraf illi skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, it-teħid ta' self huwa kkonsidrat bħala att normali ta' ġestjoni ta' negozju, u għalhekk konjugu li jeżerċita kummerċ jew negozju jista' self waħdu, mingħajr ma jinvolvi lil konjugu l-iehor, u dan id-dejn ikun piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti. Din il-Qorti hija tal-fehma pero li din is-setgħa m'hijiex waħda bla limiti, għaliex mhux kull teħid ta' self jista' jiġi kkonsidrat bħala att ta' normali ta' ġestjoni ta' kummerċ jew negozju. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, it-teħid ta' self meta n-negozju jew kummerċ li jeżerċita wieħed mill-konjuġi jkun fi stat finanzjarju prekarju ma jistgħax jiġi kkonsiderat bħala att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ jew negozju.[4] u l-Qorti tqis illi dan isib konfort fil-

[2] enfasi miżjuda minn din il-Qorti

[3] Catherine Vella v Albert Vella 30.05.2013

[4] enfasi miżjuda minn din il-Qorti

ġurisprudenza nostrana. Hekk per eżempju, fil-kamp tal-liġi ta' kumpaniji, fil-każ illi d-diretturi jakkumulaw djun meta jkunu jafu li l-kumpanija tinsab fi stat finanzjarju ħażin u għandu raġonevolment jassumu li mhux ser ikunu jistgħu ihallsu lura d-dejn li jakkumulaw, il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħha tgħallem illi dan l-akkumulu ta' dejn, tant m'huwiex att normali ta' ġestjoni ta' negozju, illi jista' jwassal sabiex isir dak li jissejjaħ '*the piercing of the corporate veil'* sabiex id-diretturi jinsabu responsabbli personalment għal dawn id-djun tal-kumpanija minħabba li jkunu prattikaw *wrongful trading*. Anke fil-kamp tal-liġi tal-familja, il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **A vs B deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-24 ta' Frar 2005,** il-Qorti kienet assenjat id-djun akkumulati mir-raġel relattivi għan-negozju tiegħu, anke għaliex ħasset illi din l-akkumulazzjoni ta' dejn kienet tissarraf f'ġestjoni rresponsabbli tan-negozju mir-raġel, u kienet sabet ukoll illi l-fatt li r-raġel kien żamm dan id-dejn mistur minn martu kien aġir illegali u abbużiv fil-konfront ta' martu."

Illi tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet suesposti tal-ġurisprudenza tagħna, dak li għamel il-konvenut qajla jista' jinkwadra ruħu bħala att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ. Dak li effettivament jidher li għamel il-konvenut huwa li daħal garanti għal dejn tal-kumpannija tiegħu u daħħal ukoll lil martu ad insaputa tagħha u dan meta kien jaf li kien fi stat ta' falliment;

***DECIDE***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi:

i. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għad-dejn li għamel ma' Xerri Animal Feed Co. Limited ad esklużjoni tal-attriċi.
ii. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li dan l-aġir tal-konvenut ma jidħolx fl-

ambitu tal-Artikolu 1324 u l-Artkolu 1327 tal-Kodiċi Ċivili.

iii. Tilqa' t-tielet talba billi tiddikjara li l-istess dejn ma jiggravax fuq in- nofs indiviż tal-kommunjoni tal-akkwisti li jappartjeni lill-attriċi inkluż in-nofs indiviż tad-dar matrimonjali.

Spejjeż a kariku tal-konvenut.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA